

Brussell, 28 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

13410/15

FIN 716
PE-L 62

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13159/15 FIN 699 (COM(2015) 545 final)
Suġġett:	Abbozz ta'baġit emendatorju Nru 8 għall-baġit ġenerali għall-2015: Riżorsi Proprji u Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

1. Fl-20 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 8 għall-baġit ġenerali għall-2015.

Dan l-ABE jikkonċerna primarjament ir-reviżjoni tal-previżjoni tar-riżorsi proprji li l-Kummissjoni twettaq qabel tmiem Ottubru ta' kull sena, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000. Bħala riżultat ta' din ir-reviżjoni, l-ABE propost jinkludi l-elementi li ġejjin:

- ir-reviżjoni 'l fuq (EUR 0.8 biljun) tal-previżjoni tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali);
- l-ibbaġitjar tal-bqija tal-bilanċi tar-riżorsi proprji tal-VAT u tad-DNG tal-2014 (EUR 5.7 biljuni);
- l-ibbaġitjar tal-bilanċi tar-riżorsi proprji tal-VAT u tad-DNG tal-2015 (EUR 1.4 biljun);

Barra minn hekk, dan l-ABE jinkludi aġġornament tal-previżjoni ta' dħul ieħor (EUR 1.5 biljun).

Fl-aħħar nett, tnaqqis ta' EUR 123 474 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huwa inkluż wkoll f' dan l-ABE.

L-impatt globali f' termini ta' dħul huwa tnaqqis fil-kontribuzzjoni bbażata fuq id-DNG ta' EUR 9.4 biljuni.

2. Matul il-laqgħat tiegħu tal-20 u s-26 ta' Ottubru 2015, il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u seta' jaċċettaha unanimament mingħajr ebda bidla.
3. Fi tmiem l-analiżi tiegħu, il-Kumitat tal-Baġit qabel li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex:
 - jadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 8/2015 kif tinsab fil-punt 2;
 - iqabbad lill-Presidenza tnejn d-dokumenti baġitarji li għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u tapprova l-abbozz ta' ittra fl-Anness 2 għal dak il-għan;
 - jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* kif tinsab fl-Anness 1.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

- il-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2015 ġie adottat definitivament fis-17 ta' Diċembru 2014²,
- fl-20 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 għall-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2015,
- sabiex tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-fluss tal-flus kontanti tal-Istati Membri fi tmiem is-sena u jitnaqqas il-piż finanzjarju fuq it-teżori nazzjonali b'mod f'waqtu, l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 għall-baġit ġenerali għall-2015 jeħtieġ li jiġi adottat mingħajr dewmien. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jitqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, il-perijodu ta' tmien ġimgħat għall-informazzjoni tal-Parlamenti nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1,

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L 69, 13.3.2015, p. 1.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 ġiet adottata fl-10 ta' Novembru 2015.

Jista' jinkiseb aċċess għat-test sħiħ għall-konsultazzjoni jew għat-tniżżil mis-sit web tal-Kunsill:
<http://www.consilium.europa.eu/>.

Magħmul fi Brussell, fl-10 ta' Novembru 2015

*Għall-Kunsill
Il-President*

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

Sinjur,

Qed nibgħatlek separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8 għas-sena finanzjarja 2015¹, adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Novembru 2015.

(Formola tal-għeluq).

¹ Dok. 13439/15 BUDGET 37.